KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
36, VIDENZA, TRIQ IL-MITĦNA, ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 EMAIL : lija.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 01

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 04 ta' April 2023

Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill lokali fi Triq il-Mitħna, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 1.1 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa qed tinżamm skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'April trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati il-Pjan ta' Ħidma, ir-Rapport finanzjarju u r-Rapport Amministrattiv.

1.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa ser ikunu qed jiġu preżentati u diskussi dawn it-tlett rapporti. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikunu qed jingħataw klarifikazzjonijiet għal mistoqsijiet tar-residenti li huma relatati ma' dawn ir-rapporti.

## 1.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa

1.2.1 Is-Sindku, ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex taqra l-minuti numru 02 ta' l-aħħar laqgħa tal-lokalita', li kienet saret il-Ġimgħa 02 ta' Diċembru 2022.

## 1.3 Preżentazzjoni: Pjan ta' Ħidma 2023-2027, Rapport Finanzjarju 2022 u Rapport Amministrattiv 2022

1.3.1.1 <u>Pjan ta' ħidma 2023-2027</u>
L-ewwel rapport li ġie ppreżentat f'din il-laqgħa kien il-pjan ta' ħidma li għamel il-kunsill għal perjodu minn 2023 sa 2027. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport fih jinvolvi lista ta' proġetti li bi ħsiebu jwettaq l-kunsill tul il-ħamis snin li ġejjien. Hija spjegat kif il-kunsill ser iwettaq proġetti li jiflaħ għalihom fuq bażi tad-dħul li huwa għandu mill-allokazzjoni mgħottija mill-Gvern Lokali u minn fondi oħra li ser jakkwista bil-kapaċita tiegħu minn diversi skemi jew fondi li jiġu ppubblikati tul is-snin, kemm li huma offruti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mir-Reġjun Lvant u anke minn diversi entitajiet oħra.

1.3.1.2 Fost il-proġetti li għandu ħsieb iwettaq il-kunsill lokali nsibu: Bini ġdid tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali; Uċuħ ġodda tat-toroq fir-raħal bl-għajnuna ta' IM; Tranġar tal-pavimentar fir-raħal b'tali mod li jakkomodaw lil persuni b'ċertu diżabilitajiet u li anke jagħmlu parti mill-proġett ta' Slow streets, Tranġar tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni mit-Torri l-isfel; Titjieb tas-sistema tat-traffiku fir-raħal kollu; Ikompli t-titjieb fit-tibdil tad-dawl u bozoz madwar ir-raħal kollu; Tibdil tal-arbli tad-dawl fil-ġnien Ċentru Rikreattiv, Akwistar ta' Fondi speċjali; Titjieb fl-infrastruttura tar-raħal; għamara tat-triq ġdida u sinjali ġodda skond il-bżonn; Titjieb fl-għamara tal-ġonna bħal bankijiet u bins; Tranġar tal-istruttura eżiztenti tal-latrini fi Pjazza Trasfigurazzjoni, Issir upgrade fuq il-latrini li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv biex isiru awtomatiċi u Tranġar tal-funtana tal-ilma li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku spjega kif il-kunsill jista jagħmel pjan u japplika għal ċertu proġetti u skemi għaliex għandu minn fejn, l-accounts tal-kunsill qegħdin in order kif suppost, u b'hekk il-kunsill għandu minn fejn joħroġ il-persentaġġ tas-somma tiegħu meta japplika għall-fondi/skemi.

1.3.1.3 Resident li kien preżenti nterrompa ftit l-ispejgazzjoni għaliex xtaq ikun jaf kif jiġi deċiż il-persentaġġ li jrid joħroġ il-kunsill. Is-Sindku spjegalu kif jiddependi kif tkun ħarġet iċ-ċirkulari mill-entita kkonċernatha. Fuq iċ-ċirkulari jkun hemm miktub kemm huwa l-persentaġġ li jrid joħroġ il-kunsill jekk għandu ħsieb japplika għall-fondi / skema. Għalkemm xi drabi l-kunsill qed jispiċċa xorta joħroġ aktar qiegħed mill-persentaġġ mitlub.

1.3.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv umbgħad kompliet tgħid kif dan ir-rapport huwa aċċessibbli fuq is-sit uffiċċjali tal-Gvern lokali fejn kulħadd jista faċilment jagħti daqqa t'għajn f'aktar dettal tal-figuri nklużi f'dan ir-rapport.

1.3.1.5 Fil-qosor ġew spjegati l-figuri preżentati fir-rapport, fejn ġie estimat li fis-sena 2023 il-kunsill ser ikollu dħul totali ta' €357,525. Ħafna minn dan id-dħul jikkonsisti mill-allokazzjoni tal-Gvern, umbgħad hemm dħul minn bye-laws u permessi, dħul minn ċitazzjonijiet u dħul ġenerali ieħor. Il-kunsill ser ikollu nefqa totali ta' madwar €379,787, li din tikkonsisti fi pagi u allowances, servizzi u manutenzzjoni, infieq relatat mal-operat tal-amministrazzjoni u nfieq ġenerali ieħor. Dan jirriżulta fi deficit ta' €22,262.
Mill-figuri tas-sena 2023 l-accountant tal-kunsill umbgħad ipproġġetta l-figuri ta' kif ser ikunu bejn wieħed u

ieħor għall-erba snin li ġejjien.

1.3.2.1 **Rapport Finanzjarju 2022**

It-Tieni rapport li ġie ppreżentat mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-kunsill kollu kien ir-Rapport Finanzjajru għas-sena 2022.

1.3.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dan ir-rapport kull sena jiġi ppreparat inkonnessjoni mal-accounts tal-kunsill u kif għandu jkun biex ikun jista jipproċedi l-proċess tal-audit fl-uffiċċju. Filfatt l-figuri ta' dan ir-rapport ġew ippreparati mill-*accountant* tal-kunsill. B'permezz ta' dan ir-rapport wieħed jista jifhem aktar kif opera l-kunsill u qassam il-finanzi tiegħu fis-sena 2022. Dan ir-rapport juri biċ-ċar xi dħul kellu l-kunsill u anke juri l-ispejjeż li huwa għamel fuq diversi servizzi, li dejjem jiġu mgħottija kull sena għal benefiċċju tal-lokal. Dan ir-rapport jirrifletti l-operazzjonijiet tal-kunsill tas-sena 2022.

1.3.2.3 Is-Sindku qal kif huwa kuntent ħafna bl-audit li sar u jidher li l-kummenti tal-awdituri ser ikunu vera ftit u ta' natura żgħira. Huwa kompla jgħid kif ħadd ma huwa perfett pero l-Kunsill kemm jista jkun fl-operat tiegħu jimxi mal-linji gwidi li għandu kemm jista jkun bl-aħjar mod biex dan umbgħad dejjem jirrifletti tajjeb fl-audit.

1.3.3.1 **Rapport Amministrattiv 2022**

It-tielet rapport li ġie ppreżentant mis-Segretarju Eżekuttiv kien ir-rapport amministrattiv għas-sena 2022 li ġie kkumpilat minnha stess. Is-Sindku ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u faħħarha fuq il-punt li hija preparat dan ir-rapport b'reqqa u bi preċizzjoni fejn anke ħadet il-ħin tinkludi ritratti nkonnessjoni mal-ħidma u l-operat tal-kunsill.

1.3.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fil-qosor kif dan ir-rapport jagħti rendikont tal-operat tal-kunsill tul is-sena 2022. Hija kompliet tgħid kif dan ir-rapport huwa maqsum fi ħames partijiet. L-ewwel parti tar-rapport tagħti stampa ċara tan-nies li hemm assenjati mal-kunsill, b'informazzjoni dwar min huma s-sindku u l-kunsilliera, l-amministrazzjoni f'min tikkonsisti inkluż ħaddiema u nies professjonali oħra. Wieħed jinżamm aġġornat ukoll dwar kemm ġew imħejjija laqgħat tal-kunsill.

1.3.3.3 It-Tieni parti tar-rapport titrattta aktar speċifikament fuq il-ħidma tal-kunsill inkluż servizzi li ngħataw tul is-sena u kif ukoll xogħolijiet u proġetti li twettqu. Fost is-servizzi li ngħataw bħal kull sena oħra nsibu: s-servizz tal-ġbir tal-iskart, l-ġbir tal-iskart goff, is-servizz tal-knis, servizz tal-manutenzzjoni tal-ġonna, tiswija ta' manutenzzjoni fit-toroq u sinjali ġodda tat-traffiku, servizz tal-vaċċin tal-influenza etc. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil l-istaff kollu tal-kunsill tal-paċenzja li huma kuljum jieħdu biex iżommu kuntatt kontinwu mal-kuntratturi kemm il-darba jkun hemm problema b'xi wieħed minn dawn is-servizzi biex kemm jista jkun ir-resident dejjem jkun moqdi b'servizz eċċellenti mingħajr inkonvenjenzi. F'din il-parti hemm inkluż ukoll diversi skemi li l-kunsill applika għalihom biex ikunu jistgħu jitwettqu diversi proġetti fir-raħal fosthom: Restawr fuq il-kappella tal-Belliegħa, għajnuna lil għaqdiet, manutenzzjoni tal-latrini, manutenzzjoni fuq il-funtana tal-ġnien, biex issiru proġetti kulturali u ta' sports, tiżjien tal-Milied etċ. Hawnhekk is-Sindku semma ukoll l-iskema ta' Pjan ta' ħidma ta' IM fuq bażi ta' tlett snin, li l-kunsill applika għaliha biex kull sena isiru 5,000 metri ta' toroq ġodda, fejn jingħata wiċċ ġdid lil diversi toroq, skond it-talbiet tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal ukoll kif il-kunsill anke beda xi taħdidiet ma' IM biex forsi jsir xi parkeġġ kbir ġo Ħal Lija ġol-University Residence li jistgħu jibbenifikaw minnu r-residenti minħabba problema ta' limitazzjoni ta'parkeġġ u biex forsi jkun jista ukoll b'hekk jsir xi proġett ta' slow streets. Wara dan is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif f'din il-parti tar-rapport wieħed jista anke jsib informazzjoni dwar l-avvenimenti u ħarġiet li tella l-kunsill fis-sena 2022.

1.3.3.4 Mit-tielet parti tar-rapport, is-sinjorina Borg spjegat kif wieħed jista jikseb informazzjoni fid-dettal dwar il-finanzi tal-kunsill għaliex hemm spjegat l-iskeda tad-dħul u l-infiq li kellu l-kunsill għas-sena 2022. Wara din il-parti, ir-raba parti, hemm anness diversi ritratti li propju jirriflettu ftit mill-ħidma tal-kunsill u l-proġetti li twettqu kif hemm spjegat tul dan ir-rapport. U fl-aħħarnett kif rikjest skond Kap 363 hemm inkluż mar-rapport, ir-rapporti individiwali tas-sindku u l-kunsilliera li jispjegaw l-ħidma tagħhom fis-sena 2022 abbażi tad-delegi li huma għandhom fir-responsabbilta tagħhom bħala kunsilliera.

## 1.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.4.1 **Mistoqsija fuq il-5-a-side pitch fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv**

Resident staqsa jekk il-kunsill mhux ser jibdel l-art u jirranġa l-fencing tal-5-a-side pitch li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku spjegalu kif dik l-art mhux propjeta tal-kunsill. Is-Sur Dalli qal li riċenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru għand Lands Department u Lands Department lanqas hi stess ezatt ma taf

liema partijiet fil-ġnien huma ta' min. Lands Department filfatt qed tagħmel riċerka dwar dan. Il-Kunsill sissa ġie nfurmat li fejn hemm il-bar tal-boċċi, il-pitch tal-boċċi u tat-tennis, dawk huma ta' Sports Malta u Sports Malta tikrihom lil entitatjiet ikkonċernati. Il-5-a-side pitch ta' ma' ġenb il-bandli huwa tal-Lands u l-kunsill prova jieħdu bi encroachment pero sintendi qabel jiġi mgħoddi lil kunsill ried jiġi rranġat, pero mal-Lands qbil dwar dan it-tranġar ma kienx hemm u allura l-kunsill ma aċċettax li jsir l-encroachment tal-pitch għax dan irrid ikollu stat tajjeb qabel jiġi encroached. Issa l-Kunsill għandu x'jifem kif dan il-pitch qed tiprova tieħu encroachment tiegħu mal-Lands, l-entita Sports Malta biex umbgħad tkun tista tikrih lil futbol klabb kif prova jagħmel il-kunsill. Il-Kunsill responsabbli biss mill-equipment li hemm tal-bandli, playingfields u t-tindif tal-common areas, inkluż il-latrina. Pero lanqas il-latrina ma hija tal-kunsill, iżda tal-Cleansing Department, pero is-Sindku reġġħa spjega kif il-kunsill responsabbli jnaddafa inkluż il-common areas tal-ġnien għaliex il-kunsill jingħata flus bħala parti mill-allokazzjoni biex jagħmel dan.

1.4.2 <u>Ismijiet tat-toroq</u>

Resident qal kif l-isem il-ġdid 'Misraħ fuq il-Borg' propost minnflokk Triq Merino, ma tantx donnu ntlaqa tajjeb mir-residenti tal-akwata u fl-opinjoni tiegħu aħjar jibqa Triq Merino għax inderha issa u problematiku ħafna biex tbiddel l-indirizz u tavża diversi entitajiet bit-tibdil. Is-Sindku nfurmah kif kienet l-entita tal-ismijiet tat-toroq stess li avviċinat lil kunsill biex ċertu toroq jinbidlilhom l-isem minħabba li ġew avviċinati minn individwi li kellhom problemi bit-taħlit tal-posta. Il-Kunsill kellu jieħu azzjoni u jiddeċiedi dwar isem ġdid għal ċertu toroq għaliex inkella l-entita tal-ismijiet tat-toroq kienet ser tbiddel l-ismijiet kif taħseb li huwa xieraq hi. Għalhekk il-kunsill ħaseb biex kull fejn jinbidel isem tat-triq f'ċertu akwata jinbidel għal isem li warajh għandu storja fir-raħal. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif Triq Preziosi Sqaq nru 2 hija eżempju ieħor apparti Triq Merino, fejn ħa jkollu jinbidel l-isem tat-Triq. Triq Preziosi Sqaq nru 2 kienet ukoll twila wisq bi aktar sqaqien fiha li ma tistax tibqa kif inhi u trid tinqasam.

1.4.3 <u>Dawl u fanali ġodda</u>

Resident tkellem dwar il-fanali ġodda li qed jinstalla l-kunsill. Huwa qal kif din hija xi ħaġa tajba u kien hemm bżonna pero l-fanali għandhom dawl naqra qawwi u bright wisq għall-istill tal-fanal. Is-Sindku spjegalu kif illum il-ġurnata kollha hekk qed isiru l-fanali anke Enemalta qed tibdel l-arbli tad-dawl tagħha bilmod, bi bozoz LEDs Warm white. Is-Sur Dalli kompla jgħid ukoll kif dejjem jekk il-fondi jippermettu u l-kuntrattur jkollu supply, fil-jiem li ġejjien ser ikomplu jiġu nstallati l-kumplament tal-fanali fir-raħal.

1.4.4 <u>Covers tas-servizzi fuq il-bankini</u>

Resident tkellem u lmenta dwar il-covers tal-kaxxi tas-servizzi li jkun hemm fuq il-bankini, perżempju bħal dawk tal-Go. Huwa qal li hemm bżonn li dawn isiru b'materjal aħjar għaliex mill-ewwel jinkisru qegħdin. Is-Sindku qabel perfettament mar-resident u filfatt spjegalu kif il-kunsill kemm il-darba filfatt sewwa covers huwa stess tal-Go biex jevita ċertu periklu. Is-Sur Dalli kompla jgħidlu kif pero Go ndunat ukoll li l-covers tal-plastic ma tantx għandhom saħħa u l-entita għandha struzzjonijiet ġodda biex jibdew filfatt isiru tal-ħadid u jinbidlu kollha bilmod.

1.4.5 <u>Electric cars u charging pillars fir-raħal</u>

Resident qal kif sa ċertu żmien suppost skond kif imħabbar mill-Gvern, il-vetturi kollha għandhom jibdew joperaw biss b'mod elettriku. Huwa ma jistax jifhem eżatt kif dan jista jkun possibbli pero staqsa jekk il-kunsill għalhekk mhux ser ikun qed iżid ic-charging points fir-raħal u fejn eżatti. Fl-opinjoni ta' dan ir-resident ukoll dawn il-parkeġġi tal-electric cars li hemm eżistenti diġa fir-raħal, qed jieħdu spazji dedikati u rari jkunu mimlija. Is-Sindku qal kif jekk mhux sejjer żball fir-raħal diġa hawn xi ħames charging points pero id-Dipartiment ikkonċernat minn dawn l-affarijiet, għandu tijr li aktarx jinstalla iktar pillars għax kien diġa avviċina lil kunsill dwar din il-possibbilta. Resident ieħor staqsa allura jekk qabel issiru aktar charging pillars tistax tinkiseb informazzjoni dwar kemm hemm electric cars b'kollox u jekk dawn l-istess karozzi għandhomx garaxx fejn jistgħu jiċċarġjaw, għax inutli jkun hemm charging pillar tiegħu spazju utli u ma tintużax. Is-Sindku qal kif huwa ġili ra karozzi tal-elettriku ipparkjati jiċċarġjaw mal-pillars u forsi jkunu aktar vojta milli mimlija għaliex mhux kulħadd jaf fejn jinstabu. Is-Sur Dalli tal-parir li filkas titella post fuq il-paġna ta' Fb tal-Kunsill biex kulħadd ikun infurmat fl-liema toroq hemm charging pillars.

1.4.6 <u>Patching Triq Mikielanġ Borg</u>

Resident għamel tfakkira ġentili lis-Sindku biex tiġi rranġatha l-parti tat-triq li sfrondat fi Triq Mikielanġ Borg. Is-Sindku wieġbu kif ħa jibqa jiġri wara l-kuntrattur tal-kunsill li jagħmel il-patching biex ifittex jiġi jirranġaha, ser jerġġħa jwissih, sakemm ma jiġi jagħmilha.

1.4.7 **<u>Proposta one-way fi Triq Mikielanġ Borġ</u>**

Resident informa lil kunsill kif huwa ma tantx jaqbel mal-ittra li bgħat il-kunsill u l-proposta li Triq Mikielanġ Borg tiġi one-way għaliex kif qed tiġi proposta l-one-way (dħul minn Ramiro Barbaro biss)  f'ċertu ħinijiet bħal fil-ħin tal-iskola tkun diffiċli biex wieħed jidħol lura d-dar u jgħaddi mit-triq minħabba it-taħwid u double parking tal-karozzi li jkun hemm. Huwa xtaq ikun jaf il-feedback tan-nies li overall irċieva l-kunsill. Is-Sindku qal kif il-kunsill irċieva xi tmien risposti li ma jaqblux b'kollox u l-kunsill issa ser jiddiskutihom, fejn jista jaċċetahom, biss l-importanti huwa li basta wieħed jifhem li l-element ta' safety suppost għandu jingħata aktar priorita kkumparat mar-raġunjiet mgħottija. Il-Kunsill kien qed jiproponi li ssir one-way minħabba l-element tas-safety biss għaliex hija triq bi parkeġġ fuq iż-żewġ naħat, jgħaddu minnha miż-żewġ naħat ukoll u jekk tinzerta lil xi ħadd speċjalment għaddej bi speed qawwi faċilment isir aċċident. Pero jekk in-nies ma jriduhix mod ieħor.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kunsilliera u lil kull min kien preżenti għal din il-laqgħa. Is-sindku anke ħa l-opportunita li jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li hija tiproduċi fuq bażi ta' kuljum inkluż tħejjija ta' ċertu rapporti li jieħdu l-ħin biex jiġu ppreparati. Is-Sur Dalli talab lis-Sinjorina Borg biex tgħaddi l-messaġġ tiegħu ta' ringrazzjament lil kumplament tal-istaff tal-ħidma kontinwa tagħhom ukoll.

Il-laqgħa ntemmet fi 7:15PM.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |